Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 1169/2002

**Korporazzjoni Telemalta.**

**-vs-**

**Konrad Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-Socjeta' Kummercjali Maltacom p.l.c. pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2002 li permezz tieghu esponiet bir-rispett:

Illi l-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta kontra Konrad Gatt (Cit. Nru. 1684/96 NA) giet deciza minn din il-

Qorti fit-8 ta’ Ottubru, 1996 u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Maltacom p.l.c. is-somma ta’ Lm848.48 (tmin mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku b’numru 809205 li kien installat fil-fond bl-isem Mobilja Gatt, Marsascala Bypass, Zabbar, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi is-Socjeta’ Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm108.01 (mija u tmin liri Maltin u centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm401.50 (erba’ mija u lira Maltija u hamsin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sas-6 ta’ Settembru, 2002, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm1357.99 (elf tlett mija u seba’ u hamsin lira Maltija u disgha u disghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et suquitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat, debitament notifikat ma ippresenta ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-15 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat tar-rikorrenti ikkonfermat illi l-ammont mitlub ghadu dovut.

Il-Qorti ghalhekk fil-kontumacja tal-intimat, tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti li tesegwixxi s-sentenza moghtija fit-8 ta' Ottubru 1996 fuq indikata.

L-ispejjes jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------